**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Shawn Azzopardi**

**Illum, 16 ta' Dicembru 2024**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra:

**Shawn Azzopardi bin Paul u Carmen Farrugia, m/Pieta', fi 06/12/1997 ta' 35 Rockhampton, Flat 3, Triq tal-Lebbien, Gudja K.I. 1892M**

Akkuzat alli nhar il-15/03/2022 ghall-habta tat-19:42hrs, gewwa Triq tal-Lebbien, Gudja:

Talli nhar il-15 ta' Marzu 2022 ghall-habta tat-19.42 hrs gewwa Triq il-Lebbien Gudja volontarjament hassart jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammontat ghal aktar minn Ewro 250 izda anqas minn Ewro 2,500 ghad-dannu ta' Maria Helena Galdes. Art. 325(1)(b) Kap 9.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Maria Helena Galdes skont l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.[1]

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet lill-prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi in atti,

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difiza.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor**

Dan huwa kaz li jirrigwarda allegat hsara volontarja fuq vettura ipparkjata fi Triq il-Lebbien Gudja nhar il-15 ta' Marzu 2022. Qed jigi allegat li l-imputat barax il-vettura ta' Maria Helena Galdes u l-hsara ikkawzata hija ta' aktar minn mitejn u hamsin Ewro (€250).

Jidher li l-imputat u l-vittma ma jafux lil xulxin. Il-kaz jistrieh biss fuq l-investigazzjoni li ghamel PS 1405 Gerada u l-filmat migbur minnu fil-kors tal-istharrig.

**Ikkunsidrat:**
**Provi**

[1] Folio 1 tal-process.

Xehed **PS 1405 D. Gerada** permezz ta' affidavit li spjega l-involviment tieghu fl-investigazzjoni. Jidher li meta r-rapport wasal ghandhom ir-huwa gabar filmat u mill-filmat jidher persuna maskili tohrog minn vettura FGV 454 tersaq lejn il-vettura tal-kwerelanta u b'xi haga f' idejha jitfa' idu mal-bieba u mal-mudguard u seta' ragonevolment jigi innutat li kienu l-istess cwievet hu u jidhol fir-residenza 35, Rockhapton Triq il-Lebbien Gudja.[2]

Minn stharrig li ghamel jirrizulta li l-van BCR 418 tghajjat lill-imputat li meta gie imsejjah l-ghassa xi jiem wara ma ammetta ghal xejn wara li tkellem mal-avukat ta' fiducja tieghu.

Xehdet **Maria Helena Galdes** waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2022 fejn qalet li hija ma tafx lill-imputat pero' ikkonfermat il-hsarat fil-vettura taghha BCR 418 tal-ghamla KIA Sonic.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tinnota li hemm divergenza sinjifikanti fix-xhieda tas-Surgent Gerada u dak miktub fl-NPS 5/POL/1553/2022 ipprezentat mill-istess prosekuzzjoni.[3]

Skond ir-rapport jidher li **il-vettura BCR 418 hija registrata fuq il-vittma** Galdes filwaqt li r-rapport ikompli jghid is-segwenti frazi:

**'Il-Pulizija prelevaw dawn il-filmati u meta….. seta' jigi osservat van Nissan abjad bin-numru tar-registrazzjoni FGV-454 ipparkjat vicin cctv's……'**

---

[2] Folio 2 tal-process.

[3] Folio 15 tal-process.

Skond ir-rapport stess ir-ragel li hareg minn dan il-van ghamel l-att vandalu.

Meta imbaghad gie biex jixhed permezz ta' affidavit jidher li s-surgent Gerada jikkontradici lilu innifsu u jiddikjara s-segwenti:

**'Minn stharrig li ghamlu l-Pulizija minn fuq is-sistema tal-NPS sabu li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BCR 418 hija registrata fuq Shawn Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' 1892M……'**

Ghalhekk hawnhekk diga' hemm konfuzjoni fuq il-provi tal-istess prosekuzzjoni.

Mill-affidavit lanqas biss jirrizulta li s-surgent 1405 Gerada gharaf lis-suspettat f'dak il-filmat. Il-fatt biss li l-vettura, li kif diga' inghad hemm kunfuzjoni lil min verament tappartjeni, tghajjat lill-imputat ma jaghtix is-serhan lil din il-Qorti biex tasal tikkundanna lill-imputat ghall-att vili u viljakk li allegatament ghamel. Id-dubbju jimmilita' favur l-imputat u kienet tkun storja differenti kieku tal-anqas is-Surgent Gerada kien gharaf lil min ghamel l-att vandalu hu stess mill-filmat bhala l-persuna li gie quddiemu l-ghassa.

*Il-fatt li l-vittma ma tafx lill-imputat u ma gharfitux fl-awla ma jfissirx li fuq hekk biss ghandu jigi liberat kif tikkontendi id-difiza fis-sottomissjonijiet taghha.*

Il-Qorti tqis pero' li ladarba s-surgent Gerada ma gharafx jew tal-anqas ma stqarrx li hu gharaf lill-imputat bhala l-persuna li hareg mill-vettura u ghamel l-att kodard fuq il-vettura tal-kwerelanta mill-filmat prezentat,

allura din il-Qorti ma ghandha l-ebda triq ohra hlief li fuq nuqqas ta' provi tillibera lill-imputat mill-akkuza dedotta fil-konfront tieghu.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 325(1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **SHAWN AZZOPARDI MHUX HATI** tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li din is-sentenza tittella' minnufih fuq is-sit online tal-Agenzija tas-Servizzi tal-Qrati.

Moghtija illum 16 ta' Dicembru 2024 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur